MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2015

Numru 4/2010

Att ta' Akkuza Nru: 4/2010

Ir-Repubblika ta' Malta

Vs

Alfred Camilleri

Illum 9 ta' Marzu, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-att ta' Akkuza numru 4 tas-sena 2010 pprezentat fil-konfront ta' Alfred Camilleri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 432351M;

Illi l-Avukat Generali fl-Ewwel Kap ippremetta:

Illi fis-sitta (6) ta' Settembru tas-sena elfejn u sitta (2006), kien wasal pakkett fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta mill-Ingilterra li kien jikkonsisti minn ammont kbir ta' pillolli tal-Ecstasy (MDMA). Wara li dan il-pakkett ġie rilaxxat mill-membri tal-Korp tal-pulizija u mill-uffiċjali tad-dwana sabiex jiġi stabbilit it-traġitt tiegħu, il-pakkett wasal l-uffiċju tat-Thomas Smith fi Triq San Kristofru l-Belt fejn sussegwentement ġie irtirat minn żewġ persuni, wieħed minnhom l-akkużat Alfred Camilleri, u ttieħed fil-fond ta' omm l-akkużat imsemmi. L-akkużat u l-persuna l-oħra fil-kumpanija tiegħu ġew interċettati mill-Pulizija u debitament arrestati.

Illi mill-investigazzjonijiet irriżulta li fis-sebgħa (7) ta' Settembru tas-sena elfejn u sitta (2006) kif ukoll fil-ġimgħat ta' qabel, l-akkużat Alfred Camilleri, iddeċieda illi jibda jmexxi u jittraffika fid-droga ecstasy (MDMA). L-akkużat kien ftiehem ma' persuna jew persuni oħra li kellha tgħaddielu l-imsemmija droga biex imbagħad l-akkużat jikkonsenjaha lill-persuni oħra f'Malta. Għas-servizz tiegħu li jżomm u jittraffika d-droga ecstasy (MDMA), l-akkużat kellu jitħallas ammont konsiderevoli ta' flus. In esekużżjoni ta' dan il-pjan maħsub minn qabel l-akkużat Alfred Camilleri irtira l-pakkett imsemmi mill-uffiċju ta' Thomas Smith, il-Belt, Valletta fis-7 ta' Settembru tas-sena elfejn u sitta (2006) biex jittraffika l-imsemmija droga. Fortunatament l-akkużat inqabad mill-pulizija dakinhar tas-sebgħa (7) ta' Settembru tas-sena elfejn u sitta (2006) fiċ-ċirkostanzi hawn fuq imsemmija. Filfatt minn analiżi u eżamijiet li saru wara minn esperti forensiċi, ġie konfermat li dawn il-pillolli kienu effettivament d-droga imsemmija u ċioe' pillolli ecstasy kontenenti s-sustanza *3,4-Methylenedioxymethamphetamine* (MDMA) li hija sustanża kkontrollata taħt il-Liġi tagħna, fl-ammont ta' disgħat elef sitt mija u tmintax il-pillolla (9618) u ċioe' mediċina psikotropika li titqies bħala sustanża illegali skond il-Liġi tagħna (Tielet Skeda parti A tal-Kapitolu 31). Dawn il-pillolli għandhom il-valur kumplessiv minimu ta' madwar sebgħa u ħamsin elf seba' mija u tmien Euro (€57,708) u l-valur kumplessiv massimu ta' madwar mija erbgħa u tletin elf sitt mija tnejn u ħamsin Euro (€134,652).

Illi b'għemilu l-imsemmi Alfred Camilleri sar ħati talli assoċja ruħhu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta (MDMA) bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organiżża jew iffinanzja din l-assoċazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Alfred Camilleri ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibeigħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta (MDMA) bi ksur tad-disposizzjonijiet Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organiżża jew iffinanżja din l-assoċazzjoni; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għal piena ta' prġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(f), 120A(1A), 120A(2)(a)(i),(2A),(2B) u 121A(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31) u l-artikoli 22A, 22B, 22E, 27, 28 u 30 tal-Ordinanża dwar il-Mediċina Perikoluża (Kapitolu 101) u l-artikoli 17, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi l-Avukat Generali fit-Tieni Kap ippremetta:

Illi minħabba n-natura taċ-ċirkostanzi li seħħew fis-sitta (6) u fis-sebgħa (7) ta' Settembru tas-sena elfejn u sitta (2006) u ċioe' kif imsemmija fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża, irriżulta li l-akkużat volontarjament u xjentement għamel l-arranġamenti kollha meħtieġa sabiex issir l-importazzjoni tal-pillolli ecstasy (MDMA) bil-manjiera indikata mill-Ingilterra għal Malta, liema pakkett kontenenti l-pillolli ecstasy (MDMA) ġiet impurata permess tat-titjira bin–numru KM117, fejn tul il-vjaġġ il-pakkett kien jikkonsisti mill-pillolli li nstabu u li sussegwentement irriżultaw li kienu pillolli tal-ecstasy (MDMA), li tirrapreżenta droga psikotropika u sustanża illegali skond il-liġijiet tagħna. Dan il-vjaġġ sar bl-għarfien u bil-kunsens tal-akkużat stess, tant li hu xjentement ħallas għall-passaġġ tal-ajru bi flusu bl-għarfien tal-iskop tal-vjaġġ u tal-kontenut tal-pakkett. Effettivament li kieku l-uffiċjali tad-dwana ma' ndunawx bis-sustanza suspetuża, dan il-pakkett kien ser jagħddi f'idejn ħżiena bl-iskop ta' traffikar għal skopijiet ta' lukru.

Illi l-pillolli tal-Ecstasy magħrufa wkoll bħala MDMA (methylenedioxy methanphetamine) huma droga perikoluża u kkontrollata taħt id-disposizzjonijiet tat-Taqsima A tat-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha u lanqas ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt din l-istess Ordinanza, li tawtoriżża l-importazzjoni tad-droga psikotropika msemmija.

Illi b'għemilu l-imsemmi Alfred Camilleri sar ħati talli importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża

ecstasy (MDMA) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kapitolu 31) u ċioe' meta' ma kellhux liċenżja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanża li tawtoriżża l-importazzjoni ta' dak l-oġġett.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Alfred Camilleri, ħati talli importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (MDMA) f' Malta bi ksur tad-disposizzjonijeit tal-Ordinanża dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap 31) u ċioe' meta' ma' kellux liċenzja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-imsemmi Ordinanża li tawtoriżża l-importazzjoni ta' dak l-oġġett; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2(1), 40A, 120A(1)(a),(1B),120A(2)(a)(1), (2A)(2B) u 121A(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha u r-regolamenti 2 u 3(1) tar-REgolamenti Dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Avviż legali 22/1985), l-Avviż Legali 77 tal-1988 u l-Avviż legali 183 tal-1999 u fl-artikoli 17, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9) jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi l-Avukat Generali fit-Tielet Kap justa ippremetta:

Finalment u dejjem b'referenza għall-inċident li seħħ kif debitament imsemmi fl-ewwel żewġ kapi ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe' bejn is-sitta (6) u s-sebgħa (7) ta' Settembru tas-sena elfejn u sitta (2006) u fil-ġimgħat ta' qabel, minħabba l-fatt li l-pakkett in kwistjoni kienet indubjament iddestinata għall-akkużat u rtirata minnu u minħabba l-fatt li s-sustanza suspetuża li instabet ġo fiha irriżultat, wara l-analiżi meħtieġa li saru, li kienet id-droga Ecstasy (MDMA) u cioe' mediċina psikotropika u illegali ai termini tal-Liġijiet tagħna, irriżulta li l-akkużat kien fil-pussess xjenti ta' sustanza psikotropika pprojbita skond il-Liġi. Din is-sustanza psikotropika u illegali perikoluża ma' kinitx intiża għall-użu personali tiegħu, iżda kif spjegat fil-kapi preċedenti, kienet intiża sabiex tiġi ttraffikata. In oltre l-ammont tad-droga li instabet kienet waħda konsiderevoli wkoll li ma' tindikax skop ta' użu personali.

Anki f'dan il-każ, l-akkużat ma' kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni jew liċenżja maħruġa mill-Liġi li tippermettilu jkollu fil-pussess tiegħu din is-sustanża perikoluża.

Illi l-pillolli tal-Ecstasy magħrufa wkoll bħala MDMA (methylenedioxy methanphetamine) huma droga perikoluża u kkontrollata taħt id-disposizzjonijiet tat-Taqsima A tat-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha.

Illi b'għemilu l-imsemmi Alfred Camilleri sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga Ecstasy (MDMA) meta' ma' kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima A tat-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha, u meta' ma' kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Alfred Camilleri ħati talli, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, kellu fil-pussess tiegħu d-droga Ecstasy (MDMA) meta' ma' kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima A tat-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha, u meta' ma' kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(a),120A(2)(a)(1), (2A)(2B), 120A(1)(f)(2)(a)(1) u 121A(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap 31), Regolament 10(2) tal-Avviz Legali 22/85, Avviżi Legali 77/88 u 183/99 u fl-artikoli 22A, 22B, 22E, 27, 28 u 30 tal-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi (Kap 101) u l-artikoli 17, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat ir-rikors konguntiv tal-Avukat Generali u l-akkuzat Alfred Camilleri, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-Gimgha, 6 ta' Marzu, 2015 fejn l-esponenti, filwaqt li ddikjaraw li qablu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali, umilment talbu lil din il-Qorti li, fl-eventwalita' li jkun hemm ammisssjoni da parti tal-akkuzat Alfred Camilleri ghall-akkuzi migjuba kontrih, il-piena li ghandha tigi nflitta fuqhu

minn din il-Qorti ghandha tkun wahda ta' prigunerija ghal perjodu ta' hmistax il-sena flimkien ma' multa ta' hamsa u ghoxrin elf Ewro (€25,000) u dan oltre s-sanzjonijet u konsegwenzi ohra tassattivi ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u Professjonijiet li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha (Kap. 31), l-Ordinanza dwar il-Medicina Perikolua (Kap. 101), l-Avviz Legali 22 tas-sena 1985, l-Avviz Legali 77 tas-sena 1988 u l-Avviz Legali 183 tas-sena 1999, inkluz il-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u tal-propjeta' mobbli u mmobbli tal-istess akkuzat.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkuzat Alfred Camilleri, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr illi huwa hati tar-reat kif dedotti kontrih.

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba tieghu.

Issib lil akkuzat Alfred Camilleri hati talli:

1. Assoċja ruħhu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta (MDMA) bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organiżża jew iffinanzja din l-assoċazzjoni.
2. Illi b'għemilu l-imsemmi Alfred Camilleri sar ħati talli importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża ecstasy (MDMA) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kapitolu 31) u ċioe' meta' ma kellhux liċenżja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanża li tawtoriżża l-importazzjoni ta' dak l-oġġett.
3. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga Ecstasy (MDMA) meta' ma' kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima A tat-Tielet

Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha, u meta' ma' kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

Ikkunsidrat,

Il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tgħamel ammissjoni bikrija senjatament "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa" [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (Blackstone Press Limited 2001 edit);

Rat il-verbal tal-llum 9 ta' Marzu, 2015 fejn il-prosekuzzjoni ddikjarat illi fil-komputazzjoni tal-piena maqbula mad-difiza gie mehud in konsiderazzjoni u gie maqbul illi ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 9.

Din il-Qorti tħoss li fil-każ ta' Alfred Camilleri għandha taderixxi għat-talba konġuntiva magħmula skond l-artikolu 453A tal-Kodiċi Kriminali u għaldaqstant, wara li rat l-artikoli:

Artikoli 2(1), 40A, 120A(1)(a), (f), (1B),120A(1A), 120A(2)(a)(i),(2A),(2B) u 121A(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31), ir-regolamenti 2 u 3(1) tar-Regolamenti Dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Avviż legali 22/1985), l-Avviż Legali 77 tal-1988 u l-Avviż legali 183 tal-1999 u l-artikoli 22A, 22B, 22E, 27, 28, 29 u 30 tal-Ordinanża dwar il-Mediċina Perikoluża (Kapitolu 101) u l-artikoli 17, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Ghaldaqstant,

Tikkundanna lil Alfred Camilleri ghal piena ta' prigunerija ghal perjodu ta' hmistax il-sena flimkien ma' multa ta' hamsa u ghoxrin elf Ewro (€25,000).

Tordna illi hekk il-multa ma titħallasx puntwalment, tiġi kkonvertita f′ sena priġunerija ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta′ Malta.

Tikkundanna lil ħati ihallas is-somma ta′ tlett elef mija u hmistax il-Ewro u wiehed u disghin centeżmu (€3,115.91), rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f′dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta′ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta′ Malta ta′ kull flejjes jew proprjeta′ mobbli w immobbli ohra tal-hati;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b′nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x′jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-Assitent Registratur u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta′ din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta′ tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta′ din il-Qorti b′nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------